**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump Numru 197/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Alaq Ben Ahmad Abid**

Il Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Alaq Ben Ahmad Abid, Ahmed u Fatima nee` Sokhni, imwieled Syria nhar l-01 ta` Awissu 1974, residenti 38, Ivory, Triq il-Koppla, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` numru 9000140(A)**

Akkuzat talli nhar is-26 ta` Mejju 2020 ghal habta tat-tmienja u nofs ta` filghaxija (08:30p.m) gewwa 131, Highrise, Fl 8, Triq il-Fossili, Birzebbugia u/jew fil-vicinanzi:

Ikkommetta serq ta' flus kontanti u set cwievet i, ghad-detriment ta' Antonia Mifsud u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikata bil-'valur', bil-'persuna', bil-'lok' u bil-'hin'. (Art. 261(c), (d), (e),(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (Euro 250) (Art. 325 (1)(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, f`hinijiet differenti ingurjajt jew heddidt lil Antonia Mifsud (Art. 202, 222(1)(a), Art. 339 (e) Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta)

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, in u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u bi storbju (Art 338 (dd) Chp 9)

Nakkuzah aktar talli kiser Ordni ta` Protezzjoni favur Antonia Mifsud mahruga mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D datata 09 ta` Marzu 2020.

Nakkuzah aktar talli kiser il-Kundizzjonijiet imposti fuqu b`digriet datati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D u Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D li permezz taghhom huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghal-imsemmija reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta` l-imsemmija Antonia Mifsud, kif ukoll tordna li s-somma ta` elf euro jghaddu favur il-Gvern ta` Malta.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta` Antonia Mifsud skond artikolu 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta'htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta' Antonia Mifsud kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tas-27 ta' Mejju 2020 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament[1];

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jissottomeeti illi l-flus li gew depozitati l-Qorti bhala Dok TM8, fl-ammont ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600), ghandhom jigu ritornati lis-Sinjura Antonia Mifsud, liema flejjes ghandhom jigu rrilaxatti a favur ta' l-avukat tal-parte civile ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-parte civile tiddikjara, li l-parte civile qieghda tirrinunzja ghall-kwerela li hija gia ghamlet u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed tahfer lill-imputat u li f'kull kaz, fejn mhuiex rinunzjabblim taghzel li ma tixhidx fil-konfront ta' l-imputat stante li ghandhom minuri flimkien.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet fil-konfront tas-siehba tieghu Antonia Mifsud, fosthom li kisser xi affarijiet tad-dar,

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali

hadilha ammont sostanzjali ta' flus kif ukoll li serqilha zewg pari cwievet tal-appartament taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi in vista tar-rinunzja tal-parte civile kif ukoll minhabba nuqqas ta' provi din il-Qorti m'ghandiex provi ohra diretti x'tista tikonsidra sabiex tiddertimina jekk ir-reati sarux jew le.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c),(d),(e),(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 325(1)(c), 202, 222(1)(a), 339(1)(e), 338(dd), 412C(11), 579, 383, 384, 385 17, 96, 221(3), 222(1)(c), 338(bb), 338(dd), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Alaq Ben Ahmad Abid mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

**Deciza illum nhar it-23 ta' Settembru 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat**